**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Zachary Zahra)**

**Vs**

**Rammi Rajab Ali Ratima**

**Illum, 15 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat li Rammi Rajab Ali Ratima, iben Rajab u Fejruz nee' Gridal, imwieled Tripoli, il-Libja, nhar it-3 ta' Jannar 1990, mingħajr residenza fissa, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 143334A tressaq taħt arrest akkużat talli nhar l-14 ta' Lulju 2023 għall-ħabta ta' bejn 07.45hrs u 08.00hrs, fl-akkwati ta' Triq Spinola, San b

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum 15 ta' Lulju 2023 huwa ammetta l-akkużi, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan ipposponiet il-kawża, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena, li in suċċint kienu tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi, għal-diversi raġunijiet, il-piena nflitta tkun fil-minimu tagħha.

Il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe resistenza jew disrispett lejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-ġustizzja huma inaċċattebbli. Madanakollu il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-akkużat u l-fatt li huwa iddikjara li kien iddispjeċiħ għal dak li għamel. L-avukat difinsur fil-fat jallega li huwa ma kienx f'sessieħ waqt l-inċident minħabba intosikazzjoni u fil-fatt stqarr li l-akkużat għandu problema serja ta' alcahol. Fl-aħħar il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-akkużat huwa reċediv.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 95, 214, 221(1), 222(1)(c), 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-akkużat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' tlett (3) xhur priġunerija effettiva u multa ta'

tlett elef Ewro (€3,000). Il-ħlas għandu jsir wara li l-akkużat jiskonta l-piena karċerarja bil-fakultà li l-ħati jħallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar fl-aħħar tax-xahar.

Illi in oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, għar-riabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza tiegħu mill-alcahol, u dan għal perijodu ta' sentejn (2) skont il-kundizzjonijiet fid-digriet kontestwali, f'liema żmien huwa għandu joqgħod għar-rakkomandazjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi l-effetti ta' din l-Ordni.

Fl-aħħar nett il-Qorti tordna l-kommunika ta' din is-sentenza u tad-digriet relattiv lid-Direttur tal-Probation u Parole

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------